MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 201/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Josef Abdul Hedi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Josef Abdul Hedi talli:

(1) nhar-il 5 ta’ Settembru 2008, ghall-habta ta’ 11:30 hrs, gewwa Triq Sant’ Antnin Marsaskala, ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Elton Briffa skond kif iccertifikat Lara Attard mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal il-Gdid, u dan ai termini ta’ l-artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) fil-5 ta' Settembru 2008 ghall-habta ta' 12:00 hrs, gewwa c-Centru tas-Sahha, Rahal il-Gdid, hebb minghajr ma darab ghal Elton Briffa;

(4) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Mejju 2010, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 216 u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ddikjarat il-procediment ezawrit fir-rigward tat-tielet imputazzjoni u filwaqt li ma sabitx lill-imsemmi Josef Abdul Hedi hati tar-raba' imputazzjoni migjuba kontra tieghu u lliberatu minnha, sabitu hati ta' l-ewwel u t-tieni mputazzjonijiet u kkundannatu tliet xhur prigunerija sospizi ghal sena b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dik il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju lill-imsemmi Josef Abdul Hedi r-responsabbilta` tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Josef Abdul Hedi pprezentat fit-12 ta' Mejju 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma nstabx hati tar-raba' mputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkonfermaha wkoll fejn iddikjarat procediment ezawrit in kwantu ghat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tirrevokaha fejn gie misjub hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull htija u piena u, okkorrendo u subordinatament, tipprovdi ghal piena aktar miti u idoneja;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment issib htija dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet; (2) li, minghajr pregudizzju, il-piena hija wahda eccessiva u mhux idoneja.

L-ewwel imputazzjoni tirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Issa, l-appellant jghid illi f’dawn il-proceduri la Elton Briffa u lanqas l-appellant ma xehdu u nonostante cio` l-ewwel Qorti qalet li kienet qed taghti kredibilita` lil Elton Briffa. Skond l-appellant ix-xhud okulari Emma Hili kkonfermat kwazi fl-intier il-verzjoni li ta l-appellant fl-istqarrija tieghu. L-appellant izid jghid li hemm konflitt ta’ provi serju dwar l-involviment tieghu u tali konflitt kellu jimmilita favur tieghu. L-appellant isostni li l-verzjoni tieghu hi ferm aktar kredibbli. Fil-fehma tieghu ghalhekk ma saritx il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li tista’ twassal ghall-htija tieghu.
Din il-Qorti ezaminat is-sentenza appellata kif ukoll il-provi kollha migbura. Huwa minnu illi fost il-provi ma jistax jinghad illi nghatat il-verzjoni ta’ Elton Briffa peress illi dan ghazel illi ma jixhidx stante li bid-depozizzjoni tieghu huwa seta’ jinkrimina lilu nnifsu (ara verbal a fol. 29 tal-process). X’xehdu l-Pulizija dwar dak li qallhom Elton Briffa jista’ jikkostitwixxi biss prova li ntqal dak id-diskors izda mhux prova tal-fatti li allegatament graw skond Briffa. Mill-banda l-ohra, dak li jidher li wassal lill-ewwel Qorti tikkonkludi li setghet taghti kredibilita` lil Elton Briffa li kien hu li qala’ l-ewwel daqqa ta’ ponn huwa dak li jirrizulta mic-certifikati medici. Dan peress illi mic-certifikat mediku dwar l-appellant ma tirrizulta l-ebda offiza fuq il-wicc. Issa, ta min ta l-ewwel daqqa ta’ ponn huwa rrilevanti peress illi kemm l-appellant stess kif ukoll Emma Hili jiddeskrivu kif l-appellant u Elton Briffa gew fl-idejn. M’hemm xejn x’jindika illi l-offizi elenkati fic-certifikat mediku (Dok. FF1 a fol. 14) ma gewx ikkawzati mill-appellant waqt dik il-glieda li fiha, kif tghid Emma Hili, spiccaw anke ma’ l-art. Mill-istess certifikat jirrizulta li l-ezami ta’ Elton Briffa sar fil-5 ta’ Settembru 2008 (id-data ta’ l-incident in kwistjoni) u sar fis-1.35 p.m., jigifieri madwar siegha u nofs wara l-incident. Barra minn hekk fl-istess certifikat hemm indikat li n-natura ta’ l-offizi hija *“grievous”*. Ma saret l-ebda

kontestazzjoni dwar ic-certifikat. Anzi fis-seduta tat-12 ta’ Ottubru 2009 id-difiza sahansitra ezentat lill-prosekuzzjoni mill-konferma b’gurament kemm ta’ dan ic-certifikat kif ukoll ta’ dak rilaxxat lill-appellant. (Dok. FF1 u FF3). Pero` minn ezami li din il-Qorti ghamlet tal-provi huwa evidenti li kien hemm provokazzjoni kbira da parte ta’ Elton Briffa li agixxa b’mod ostili hafna u anke vjolenti, jekk jigi accettat li kien hu li vvibra l-ewwel daqqa, fil-konfront ta’ l-appellant. Dan ghalhekk irid jirrispekkja ruhu fil-piena. Din il-Qorti trid ukoll tikkunsidra l-fatt li l-appellant ghandu fedina penali ghal kollox netta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant tliet xhur prigunerija sospizi ghal sena u minflok, a tenur ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien tmintax-il xahar millum, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------